

Brussell, 12 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16448/24

COSI 227
ENFOPOL 502
IXIM 257
CATS 122
COPEN 534
CYBER 357
DATAPROTECT 354
TELECOM 381
JAI 1802

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Diċembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16263/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi – Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Diċembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4068 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi

1. F'Ġunju 2023, il-Kunsill approva l-ħolqien tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi (HLG), magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, korpi u aġenziji rilevanti tal-UE, u l-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu.
2. Il-Kunsill jinnota li l-HLG, li tnieda taħt il-Presidenza Żvediża u tkompla mill-Presidenza Spanjola, Belġjana u Ungeriża, ko-presedut mill-Kummissjoni u l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE, esplora l-isfidi li l-prattikanti tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni jiffaċċaw fil-ħidma tagħhom ta' kuljum b'rabta mal-aċċess għad-data¹, u identifika rakkomandazzjonijiet potenzjali biex dawn jingħelbu, bl-għan li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' għodod effettivi tal-infurzar tal-liġi biex tiġi miġġielda l-kriminalità u tissaħħaħ is-sigurtà pubblika fl-era diġitali, filwaqt li titqies il-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.
3. Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-HLG f'Ġunju 2024, laqa' l-kontribut siewi li sar mill-esperti tal-HLG², enfasizza l-ħtieġa li nimxu 'l quddiem malajr bix-xogħol fuq l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi u enfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.³

¹ Id-dokument "Law Enforcement – Operational Needs for Lawful Access to Communications (LEON)" (Infurzar tal-Liġi – Ħtiġijiet Operazzjonali għal Aċċess Legali għall-Komunikazzjonijiet (LEON)) (6050/23), li jagħti lista komprensiva tal-htijijiet operazzjonali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-rigward tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet, intuża mill-HLG bħala punt ta' referenza.

² Il-gruppi ta' esperti tal-HLG li jappoġġaw il-plenarja tal-HLG kienu magħmula minn 43 espert mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew mill-Ministeri għall-Intern, ħames esperti mill-Ministeri għall-Ġustizzja, żewġ esperti mill-Ministeri għall-Affarijiet Diġitali, tliet rappreżentanti tad-dinja akkademika, espert taċ-ċibersigurtà, u rappreżentanti ta' seba' korpi jew aġenziji tal-UE (il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, is-CEPOL, il-Eurojust, il-Europol, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali). Barra minn hekk, diversi partijiet ikkonċernati mid-dinja akkademika u mis-soċjetà ċivili kellhom l-opportunità li jikkontribwixxu għall-ħidma tal-HLG fl-okkażjoni tal-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika fl-20 ta' Frar 2024 u billi taw kontribut bil-miktub.

³ Id-dok. 11281/24 jiġbor fil-qosor l-iskambju ta' fehmiet tal-ministri għall-affarijiet interni f'Ġunju 2024.

4. Il-Kunsill jinnota li l-HLG iffinalizza l-ħidma tiegħu fil-laqgħa plenarja tal-15 ta' Novembru 2024 b'rapport ta' konklużjoni⁴ li jesprimi l-fehmiet, l-aspettattivi u t-talbiet tal-esperti.
5. Il-Kunsill jistieden lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-kontribut siewi tal-HLG fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti, u biex iqajmu kuxjenza u jiġbru appoġġ fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku biex jiġi żgurat aċċess effettiv u legali għad-data għall-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi.
6. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha, fosthom il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI, biex jappoġġaw, permezz ta' narrativa ta' komunikazzjoni komuni, l-ispegazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi li jopera fi ħdan oqfsa legali biex iħarsu s-soċjetà, biex iħeġġu lill-fornituri ta' servizz jikkooperaw mal-awtoritajiet pubbliċi, u biex jikkontribwixxu kostruttivament għad-diskors pubbliku.
7. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali sat-tieni trimestru tal-2025 għall-implimentazzjoni ta' miżuri rilevanti, inkluż leġislazzjoni jekk ikun meqjus li hija meħtieġa b'riżultat ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa u komprensiva, biex jiġi żgurat aċċess effettiv għad-data għall-infurzar tal-liġi, li jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' urġenza, filwaqt li tiġi eskluża kull interferenza mas-sigurtà nazzjonali.
8. Il-Kunsill jifhem li dak il-pjan direzzjonali huwa dokument komprensiv ibbażat fuq il-ħidma tal-HLG u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, li għal kull miżura jkun fih skeda ta' żmien preċiża u l-mod propost għall-implimentazzjoni tagħhom, inkluż analiżi tar-riżorsi adatti meħtieġa.
9. Il-Kunsill jinkariga lill-Kumitat Permanenti għall-kooperazzjoni operattiva dwar is-sigurtà interna (COSI), f'kooperazzjoni mal-Kumitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (CATS), biex jikkoordina, jiddiskuti u jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan direzzjonali previst imħejji mill-Kummissjoni.

⁴ 15941/24.